Qorti tal-Magistrati (Għawdex)
Gurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Generali

Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit

Mandat ta' Inibizzjoni numru 23/2019

Malla Developers Ltd

-vs-

Island Farmhouses Ltd et

Illum 9 ta' Gunju 2020.

**Il-Qorti** :

Rat ir-rikors prezentat fl-04 ta` Mejju 2020 .

Rat ir-risposta pprezentata fil-11 ta' Mejju 2020.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Mejju, 2020 fejn gie nnominat il-Perit Claude R Mallia sabiex jeccedi fuq il-post u jikkonstata l-fatti rilevanti tenut kont tar-rikorsi intavolati;

Rat ir-rapport ipprezentat fl-20 ta' Mejju, 2020 u mahluf fl-1 ta' Gunju, 2020.

Rat id-digriet taghha ta' l-4 ta` Gunju 2019 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tad-09 ta` Gunjuu 2020.

Rat l-atti ta` dan il-procediment kif ukoll l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni allegati.

Semghet ix-xhieda tal-Perit Claude R Micallef fl-ezami tar-rapport.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar mid-difensuri tal-partijiet.

Rat illi procediment thalla ghal digriet kamerali.

II. **Fatti**

Mill-atti tar-rikors nru. 23/2019 PC, jirrizulta li fis-16 ta` Lulju 2019 Malla Developers Limited ressqet talba ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra Island Farmhouses Limited u John Vella. Il-hrug tal-mandat intalab sabiex jikkawtela d-drittijiet tar-rikorrenti u din tabet lil Qorti sabiex izzomm lil intimati milli personalment jew permezz ta terzi jkomplu jaghmlu xoghol ta appogg ta' bini jew tqattiegh fil-hajt gia ezistenti u kull xoghol iehor mall-hajt billi r-ikorrenti ssostini li dak il-hajt li jinsab f'Ta Skarsu Court huwa propjeta taghha. Ir-rikorrenta tghid illi il-hajt huwa tas-singlu u huwa mibni interament fil-propjeta taghha u ghalhekk l-intimati ma ghandhom l-ebda dritt li jappoggjaw mieghu. Tghid ukoll illi il-hajt ma jiflahx ghal aktar piz.

It-talba ghall-hrug tal-mandat kienet milqugha provvizorjament minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta` Lulju 2020. Fid-digriet taghha, il-Qorti qalet hekk :

*"Filwaqt illi tilqa it-talba provizorjament,tappunta r-rikors ghas-smigh ghal nhar il-Gimgha 19 ta' Lulju, 2019, fl-10.30am, b'dan li l-intimati jkollhom sa dakinhar ghar-risposta."*

Fid-digriet taghha tat-22 ta Lulju 2019 fil-procediment bin-nru. 23/19 PC, din il-Qorti diversament presjeduta qalet testwalment hekk :-

***"Ghaldaqstant, tiddeciedi billi, filwaqt illi tikkonferma d-digriet provizorju taghha tas-16 ta' Lulju, 2019 li bih kienet provizorjament laqghet it-talba, tilqa t-talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati biex dawn jinzammu milli jaghmlu l-hwejjeg indikati mis-socjeta rikorrenti fir-rikors taghhom ta' l-istess gurnata."***

Jirrizulta li d-digriet tat-22ta` Lulju 2019 ghadu fis-sehh.

Fil-frattemp giet intavolata kawza fl-ismijiet Malla Developers Limited (C26479) kontra Island Farmhouses Limited u John Vella .

**Id-Dritt**

L- Artikolu 873(4) tal-Kap 12, kodici ritwali jipprovdi illi :

*" Jekk jiġi ppruvat permezz ta' rikors għas-sodisfazzjon tal-qorti li wara l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni l-persuna inibita aġixxiet direttament jew indirettament bi ksur tal-ordni tal-qorti, il-qorti għandha, mingħajr preġudizzju dwar kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inħareġ il-mandat sabiex tirrimedja dak li jkun sar b iksur tiegħu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent biex jagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha rimedjali li l-qorti tista' tordnalu jagħmel bi spejjeż tal-persuna inibita."*

Barra minn dan l-artikolu imbghad hemm ukoll l-artikolu L-Art. 1003A tal-Kap. 12 li jiddisponi illi ***"bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan it-titolu f'kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur."*** [1]

Dawn iz-zewg artikolu flimkien jikkostitiwixxu ż-żewġ għodod prinċipali proċedurali disponibbli għal min ikun talab il-ħruġ tal-mandat, sabiex jiġi assigurat li l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni jiġu osservati minn min jiġi milqut minnhom[2].

**Gurisprudenza**

Wahda mis-setghat ewlenin ta` kull qorti hija dik li taghti ordnijiet u fost dawn hemm il-hrug tal-Mandati li jistghu jkunu kemm esekuttivi kif ukoll kawtelatorji. Il-ksur ta` kull ordni hekk moghtija jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita` li bis-sahha taghha tkun inghatat dik l-ordni (C.J. Miller – "Contempt of Court" : 2nd Edition 1990 : Pg. 25-29).

Kif kien osservat fis-sentenza fl-ismijiet "**Markiz Anthony Cassar Desain et v. Giovanni Pace et"**[3] *"il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku. Ghalhekk ma jistax jigi ammess li procedura stabbilita mil-ligi tigi sostitwita b'ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. U l-eccezzjoni relattiva, jekk ma tigix sollevata, jew tigi rinunzjata mill-parti l-ohra, ghandha tigi sollevata mill-Qorti ex officio."*

In oltre` huwa pacifiku illi *"min jarbitra u jmur kontra dak li gie lilu ordnat b'mandat ta' inibizzjoni, filwaqt li dak il-mandat ikun ghadu jsehh, jirrendi ruhu hati ta' disprezz ghall-*

[1] Introdott permezz ta' l-Att XXIV ta' l-1995.
[2] Paola Cassar -vs- Joseph Zammit, prim Awla, deciza27 ta' Ottubru 2016.
[3] Appell Civili, deciza 15 ta` Ottubru 1965.

*Awtorita' tal-Qorti .... L-interess socjali u l-buon ordni pubbliku jesigi illi l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u jigu kontrarjati u puniti l-infrazzjonijiet ta' dawk l-ordnijiet"*[4].

Fil-passat kien ritenut illi l-istanza ghad-disprezz kellha tigi istitwita mill-parti nteressata fil-procediment fejn ikun allegat li jkun javvera ruhu l-att dispreggjattiv. Fil-verita`, pero` l-kazistika fuq dan il-punt ma kenitx wahda konsistenti. Infatt l-Qorti ta' l-Appell kienet iddecidiet li *"l-Qorti biss li tigi leza u mhux il-parti privata u ghalhekk hija l-Qorti biss li ghandha s-setgha li tiddeciedi jekk jittihdux jew le proceduri ghad-disprezz lejn l-awtorita' taghha"*[5]. Issokta jinghad illi *"kieku kellu jigi permess illi l-parti privata tiehu passi, permezz ta' citazzjoni ordinarja, ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, jigi li l-parti privata tkun qed tarroga ghaliha poter li huwa moghti biss lill-Qorti li tkun leza."*

Rigward in-natura tad-disprezz huwa affermat illi *"l-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap. 12) hu ta' natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita' tal-Qorti. Il-parti leza hi allura l-Qorti u mhux xi wiehed jew wahda mill-kontendenti."* [6]

Inghad ukoll illi *"n-natura ta' l-azzjoni taht ezami li kienet timporta l-apprezzament da parti tal-Qorti tac-cirkostanzi li fihom l-ordni taghha tkun giet volutament sfidata .... Tali apprezzament kien jispetta lill-Qorti oltreggjata u kien biss eccezzjonalment li din il-Qorti, u wisq anqas xi parti in kawza, setghu jissindikawh u jiddisturbawh ... Kienet dik il-Qorti li fil-konfront taghha jkun allegatament intwera disprezz li kellha tkun l-arbitru biex tiddeciedi mhux biss jekk tali disprezz kienx jezisti jew le, mhux biss jekk kien jezisti, kemm kien munit bl-intenzjoni li tigi oltreggjata l-awtorita' tal-Qorti, imma wkoll il-gravita' ta' tali oltragg."* [7]

Lord Denning kellu hekk xi jghid dwar dan l-istitut fis-sentenza fil-kawza In **Re Bramblevale Limited (1970)** : **"This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt."** Hija il-fehma ta' din il-Qorti, fid-dawl ta' l-istregwa ta' insenjamenti fuq dan il-punt illi l-prova tibqa` ta` dik ix-xorta anke jekk jiehu s-sura ta` procediment civili bhal fil-kaz in ezami. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Philip Grima -vs- Chris Grech** [8], intqal hekk:

***"Din il-Qorti tara differenza ta' sostanza bejn is-subinċiż (2) u s-subinċiż (4) tal-Art. 873 tal-Kap.12. Għall-fini tas-subinċiż (2), din il-Qorti tgħid li sabiex ir-rikorrent***

---

[4] Edward Camilleri noe v. Carmelo Vella" , Appell , deciza 7 ta` Ottubru 1997.
[5] Mary Bonello v. Cristinu Bonello" , Appell Civili, deciza 2 ta' Novembru 1983.
[6] Avukat Irene Bonello v. Onor. Prim. Ministru et" Appell, deciz 28 ta' Frar 1997.
[7] Concetta Dimech v. Joseph Bonnici, Appell, deciza 9 ta` Frar 2001.
[8] Prim Awla, per Imħallef Joseph Zammit McKeon, deciza tat-28 ta' Jannar 2010.

*jikseb il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni jeħtieġ li juri żewġ ħwejjeġ: fl-ewwel lok - li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu; u fit-tieni lok irid jidher li r-rikorrent prima facie għandu dawk il-jeddijiet. Iż-żewġ elementi huma kumulattivi mhux alternattivi.Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat.Għall-fini tas-subinċiż (4), il-prova li trid il-liġi hija ferm aktar inċisiva u sostanzjali, u għandha l-istess qies daqs il-prova fuq bilanċ ta' probabilitajiet li titħaddem bħala regola fil-kamp ċivili. Għal din il-Qorti, is-subinċiż(4) huwa ċar u ma jnissel l-ebda dubbju dwar il-portata tiegħu - jekk jiġi ppruvat ... għas-sodisfazzjon tal-Qorti ...".*

Ghalhekk isegwi li l-akkuza ta` disprezz iggib maghha l-htiega li ssir il-prova minn min qed iressaq l-akkuza li l-persuna akkuzata riedet tisfida lill-Qorti u l-awtorita` taghha[9] .

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk, il-prova tal-element intenzjonali hija vitali u tikkostitwixxi l-agir tad-disprezz b`mod li minghajru ma jsir l-ebda disprezz. Irid jinghad pero` illi l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna akkuzata tqisx l-ordni moghti lilha bhala korretta jew le. Is-siwi ta` dik l-ordni sakemm ma jithassarx b`ordni iehor tal-Qorti nnfisha jew ta` qorti ohra huwa raguni oggettiva li torbot lill-konvenut li joqghod ghaliha, jaqbel jew ma jaqbilx maghha. Hekk stabbilew il-Qrati taghna, ukoll fejn wara rrizulta li l-ordni tal-Qorti kien null u bla effett.

Minn dan isegwi li l-procediment tad-disprezz huwa sanzjoni kontra min ikun gab b'idejh u b'ghemilu jew bl-omissjoni tieghu skont il-kaz, ksur ta` ordni moghtija lilu. L-attur f'kawza ta' din ix-xorta qieghed huwa nnifsu jesegwixxi ordni moghtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proceduri. L-attur odjern m`ghandux x`jirbah xejn b`tali proceduri ghajr li jizgura li tkun imharsa l-amministr azzjoni tajba tal-gustizzja.[10]

Illi minn dak li jirrizulta mill-atti (inkluz l-atti tal-mandat *de quo*) u mir-relazzjoni peritali, din il-Qorti m'ghandha ebda raguni plawsibbli ghala ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali. Anzi din il-Qorti taghmel taghha dawk il-konkluzjonijiet.

Fid-dawl ta' dan kollu, inkluz ir-rassenja ampja ta` gurisprudenza l-Qorti tikkonkludi illi bix-xogholijiet mwettqa mill-intimati kien hemm ksur ta' l-ordni taghha tat-22 ta' Lulju, 2019.

---

[9] Registratur tal-Qrati Superjuri vs Mizzi Prim Awla, deciza 12 ta` Dicembru 2001 .
[10] Vol.LXXIV.III.546

**Ghall-motivi kollha premessi, din il-Qorti tipprovdi dwar ir-rikors kif gej:-**

**Fl-ewwel lok tiddikjara** li l- intimati ghamlu xoghlijiet bi ksur tal-Mandat ta' Inibizzjoni 23/2019 kif ukoll tal-Ordni ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-22 ta' Lulju, 2019.

**Fit-tieni lok tordna** lill-intimati sabiex jiddezistu milli jaghmlu kwalisiasi xoghol illi jmur kontra l-ordni taghha tat-22 ta' Lulju, 2019.

**Fit-tielet lok**, tordna li kopja ta' dan il-provvediment jigi komunikat minnufih lir-Registratur tal-Qorti sabiex a tenur tat-Titolu XVII tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiehu kull azzjoni li jidhirlu opportuna kontra l-intimati.

Spejjez ghall-intimati.

(ft) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur